MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Appell Civili Numru. 2/2008/1

**Edwin u Pearl konjugi Grech u Kevin Grech**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li ressqu l-familja Grech fl-4 ta’ Jannar, 2008, li jaqra hekk:
“Illi ghal habta ta’ Awwissu tas-sena 1977, fi zmien meta r-rikorrenti Professur Grech kien qieghed jaqdi l-funzjonijiet tieghu ta’ konsulent fl-Ostetrija u l-Ginekologija fir-Renju

Unit, (grad li huwa kien ilu jokkupa l-Ingilterra u pajjizi ohra) waqt illi kienet ghaddejja l-kwistjoni ndustrijali bejn il-Gvern ta’ Malta u l-Assocjazzjoni Medika ta’ Malta, huwa gie kkontattajt mill-Gvern ta’ Malta sabiex jirritorna lura Malta u jaghti s-servizzi tieghu bhala Konsulent u Kap ta’ Dipartiment tal-Ostetrija u l-Ginekologija fl-Isptar San Luqa.

“Illi l-istess rikorrenti nforma lill-awtoritajiet lokali illi huwa kien dispost illi jaccetta tali posizzjoni biss saz-zmien illi fih iddum ghaddejja l-imsemmija kwistjoni ndustrijali u dan ultimament fl-interess li kull pazjent li seta’ kien gie rez sprovvist minn kura medika jew intralcjat minn access liberu ghaliha jinghata xorta l-assistenza professjonali li kellu dritt ghaliha.

“Illi l-imsemmi rikorrenti beda jippresta s-servizzi tieghu b’dan l-arrangjament, b’dan pero` illi kif svolgew l-affarijiet indipendentement minn tali fatt, il-kwistjoni ndustrijali bejn il-Gvern ta’ Malta u l-Assoccjazzjoni Medika ta’ Malta pprolungat ruhha ferm u ferm aktar milli qatt ma kien mahsub.

“Illi fis-sena 1979, l-imsemmi rikorrenti Profs. Grech ifformalizza l-*appointments* tieghu mas-Servizz Civili u l-Universita` ta’ Malta – b’dan illi r-rikorrenti rrijfuta li jaccetta termini u kundizzjonijiet pari ghal dawk ta’ tobba *expatriates* u talab li jinghata l-istess termini u kundizzjonijiet ta’ tobba lokali. Ir-rikorrenti rtira minn tali servizz fis-sena 1991.

“Illi fit-28 ta’ Dicembru 1977, lanqas tliet xhur wara li r-rikorrenti beda jirrendi l-imsemmija servizzi tieghu lill-Gvern ta’ Malta, gie rekapitat fir-residenza tieghu *envelope* kbir kannella li fih kien imgezwer pakkett b’*wrapping paper* tal-Milied, liema pakkett ghal habta tan-12.30p.m., meta gie miftuh minn bint ir-rikorrenti Karin, sploda peress illi kien jikkontjeni materjal splussiv fih.

“Illi bhala rizultat ta’ din l-ispluzjoni u tal-griehi minnha direttament ikkawzati, l-imsemmija minuri Karin Grech, li

dak iz-zmien kellha biss hmistax-il sena, mietet fl-isptar San Luqa fis-1.00 p.m. tal-istess gurnata.

Illi bhala rizultat tal-istess incident, ir-rikorrenti Kevin Grech kellu jittella’ immedjatament fl-isptar fl-Ingilterra ghal kura medika urgenti.

“Illi filwaqt illi l-Inkjesta Magisterjali ghadha teknikament miftuha, hareg car illi l-investigazzjonijiet maghmula tul dawn is-snin kollha mill-awtoritajiet kompetenti, minkejja l-indikazzjonijiet, l-assistenza u l-ko-operazzjoni kontinwa tar-rikorrenti, ma taw ebda ezitu posittiv u dawk li perpetraw tali att barbaru u vili, ghadhom sallum latitanti.

“Illi c-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz gravi u tragiku huma kjarament indikattivi ta’ reat motivat minn ragjunijiet medico-politici, naxxenti mill-klima partikolari li kien jiccirkonda l-kwistjoni industrijali msemmija, tant illi l-konsiderazzjionijiet professjonali medici sfaw meqjusa prattikament sekondarji fl-isfond ta’ konsiderazzjonijiet politici prevalenti f’dak iz-zmien.

"Illi tali klima partikolari jinsab ukoll rifless fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet “**Professur Dottor Edwin Grech vs Anthony Mallia noe et**.”

“Illi tali klima kienet ukoll riflessa f’incident iehor li sehh fid-dar tar-rikorrenti f’San Gwann, meta, skont kif gie anke msemmi fir-Rapport ipprezentat mill-kompjant Magistrat John Anastasi, ir-rikorrenti Professur Grech gie mwissi, f’daru stess u fil-prezenza tal-familja tieghu, bil-kliem *"don't forget that you have children"* — kliem li kellu jirrizulta tragikament profetiku.

“Illi ghalhekk jirrizulta ampjament illi hemm f’dan il-kuntest konnessjoni diretta ta’ kawza u effett bejn l-accettazzjoni tat-talba maghmula lir-rikorrenti Professur Edwin Grech mill-Gvern ta’ Malta, u l-invjar tal-ittra bomba fuq imsemmija u konsegwentement ukoll tal-konsegwenzi fatali li sehhew minnha.

“Illi separatement ghal premess, jirrizulta wkoll, abbazi tal-*policy* dikjarata u applikata f’numru sew ta’ kazijiet mill-Gvern ta’ Malta, illi kazijiet partikolari fejn individwi jkunu sofrew danni (ta’ natura u entita` varji) bhala rizultat dirett jew indirett tal-prestazzjoni minnhom ta’ servizz lill-Gvern, ikunu meqjusa eligibbli u ghalhekk jinghataw kumpens.

“Illi l-fattispecie kollha tac-cirkostanzi li taw lok ghat-trageja immani sofferta mir-rikorrenti, tikkwalifika *de minimis* dan il-kaz ghal trattament ugwali u indiskriminat da parti tal-intimat.

“Illi l-konsegwenzi tragici tal-akkadut, li sehhew bhala rizultat dirett tas-servizz moghti mir-rikorrenti Professur Grech lill-Gvern ta’ Malta, mhux biss kienu imma ghadhom sallum immensi u insormontabbli, u qatt ma jistghu jigu mitigati jew gustifikati u certament illi l-inadegwatezza ta’ kull investigazzjoni li ma tat ebda rizultat minkejja t-trapass taz-zmien sia jekk dan kien dovut ghal xi esigenzi jew ragunijiet politici u sia jekk le, ma sservix hlief illi taccentwa aktar tali sens ta’ ingustizzja tremenda.

“Illi l-fatt illi l-intimat, minkejja talbiet bonarjament maghmula mir-rikorrenti u kif ukoll Protest Gudizzjarju tas-7 ta’ Settembru 2007 li segwa tali interpellazzjonijiet bonarji, l-anqas biss wiegeb ghall-istess u jidher illi ghal xi raguni jew ragunijiet lilu noti, l-anqas qieghed jikkunsidra l-kaz *de quo* bhala eligibbli ghal kumpens kif fuq imsemmi, certament illi jkompli jhalli tali ngustizzja ghaddejja.

“Illi tali kumpens huwa certament dovut u ghandu ghalhekk debitament jinghata.

“Illi bl-agir tieghu illi, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors *de quo*, jaghti kumpens lil vittmi ta’ delitti minnu meqjusa li sehhew minhabba cirkostanzi pubblici u/jew ta’ prestazzjoni ta’ servizz lill-Gvern u ma jaghtix l-istess trattament u kunsiderazzjoni lit-talba tar-rikorrenti, liema talba ghandha aktar milli tikkwalifika ghall-istess trattament, l-intimat qieghed jagixxi b’mod diskriminatorju

fil-konfront tar-rikorrenti, bi ksur tal-provvedimenti tal-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**.

"Illi *oltre* dan, it-trattament moghti mill-Gvern f'kazijiet ta' hlas ta' kumpens lil vittmi ta' delitti minnu meqjusa li sehhew minhabba cirkostanzi pubblici u/jew ta' prestazzjoni ta' servizz lill-Gvern, johloq b'mod car ukoll dik l-aspettattiva legittima li kazijiet simili jigu trattati bl-istess mod minghajr distinzjoni, diskriminazzjoni jew xi process ta' selezzjoni u ghalhekk johloq ukoll vinkolu legali bejn il-Gvern ta' Malta u c-cittadin ordinarju illi jigi lilu rikonoxxut u legalment akkwizit, id-dritt li jistenna' l-istess trattament f'cirkostanzi simili.

"Illi jinghad ghal kull buon fini illi r-rikorrenti huma l-eredi ta' Karin Grech *a tenur* tal-**artikolu 812 (b) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta)**.

"Ghaldaqstant ir-rikorrenti, *in vista* tal-fuq presmess, jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

"1. Taqta' u tiddeciedi illi d-delitt fuq deskritt li sehh fit-28 ta' Dicembru 1977 li fih giet maqtula Karin Grech, bint minuri u oht rispettivament tar-rikorrenti, sehh bhala konsegwenza tas-servizzi rezi mir-rikorrenti Professur Edwin Grech lill-Gvern ta' Malta kif fuq imsemmi.

"2. Taqta' u tiddeciedi illi bir-rifjut tieghu illi jaghti ghal dan il-kaz l-istess trattament ta' kumpens bhal ma ghamel f'kazijiet ohra fejn sehhew delitti li gew meqjusa bhala li sehhew ghal ragjunijiet meqjusa pubblici u/jew ta' prestazzjoni ta' servizz lill-Gvern ta' Malta, l-intimat qieghed jagixxi b'mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent bi ksur tal-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**.

"3. Prevja kull dikjarazzjoni ta' eligibbilta` ghal tali kumpens tordna lill-intimat li jhallas lir-rikorrenti tali ammont minnha meqjus xieraq u gust fic-cirkostanzi *in línea* ta' kumpens hekk kif l-intimat hallas u agixxa f'kazijiet ohra.

“Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiehu.”

Rat ir-risposta li ressaq l-intimat li in forza taghha eccepixxa illi
“A. Preliminarjament:

“L-esponenti jaghmilha cara mill-ewwel li huwa sensittiv ghas-sitwazzjoni tar-rikorrenti li tilfu membru ghaziz tal-familja taghhom f’cirkostanzi certament tragici u doloruzi u jista’ jifhem is-sens ta’ frustrazzjoni li jistghu ihossu minhabba n-nuqqas ta’ ezitu pozittiv s’issa fl-investigazzjonijiet li saru u ghadhom isiru liema frustrazzjoni hija wkoll kondiviza mill-esponenti.

“Maghmula din il-precizazzjoni l-esponenti sejjer issa jghaddi biex jaghti dawk l-eccezzjonijiet u jaghmel dawk is-sottomissjonijiet li hu kostrett jaghti u jaghmel fid-dawl tal-pretensjonijiet u l-motivazzjonijiet relattivi kif vantati fir-rikors in risposta.

“1. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti ndirizzaw din l-azzjoni hazin kemm meta intavolawha bhala kawza kostituzzjonali kif ukoll meta agixxew kontra l-Prim Ministru u dan *stante* illi:

“1.1 Dak li qeghdin jilmentaw minnu r-rikorrenti jammonta ghal allegazzjoni ta’ abbuz ta’ poter jew ghal ksur ta’ ligi da parti ta’ xi branka tal-amministrazzjoni pubblika, u ghalhekk l-artikolu 469A tal-Kap 12 joffri bazi adegwata ghar-rimedju ghal dak illi r-rikorrenti qeghdin jilmentaw minnu; u

“1.2. Illi la l-esponent personalment u lanqas l-Ufficcju tal-Prim Ministru ma jamministraw skemi ta’ kumpens ghall-vittmi tad-delitti.

“B. Dwar l-ordinament tal-kawza.

“2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk ir-rikorrenti qeghdin jallegaw agir *in mala fede* fl-investigazzjoni tad-delitt mertu ta’ din il-kawza dawn

ghandhom jghiduh b’mod car u b’mod illi l-esponent ikun jista’ jirrispondi b’mod preciz ghalihom u mhux permezz ta’ insinwazzjonijiet u kummenti ambigwi.

“L-esponent jichad bil-qawwa kollha u bl-aktar mod kategoriku bhala nfondati u barra minn lokom l-insinwazzjonijiet illi hemm fir-rikors in risposta li jaghtu lil wiehed x’jifhem illi d-delitt meritu ta’ dan ir-rikors ma giex investigat *in buona fede*. Dawn l-insinwazzjonijiet qeghdin partikolarment fil-paragrafu penultimu tat-tieni pagna, u fl-ahhar paragrafu tat-tielet pagna tar-rikors promotur. Fil-fatt l-investigazzjoni tal-istess delitt ghadha attiva u matul iz-zminijiet sar rikors ghal diversi mizuri anke straordinarji (bhal per ezempju meta ingieb f’Malta *team* ta’ investigaturi minn Scotland Yard biex jinvestiga l-istess delitt fiimkien mal-Pulizija Maltija) u l-istess delitt xorta baqa’ irrizolt. Jirrizulta wkoll illi fiz-zmien relevanti l-investigazzjonijiet tkomplew taht amministrazzjonijiet differenti ta’ xejriet politici diversi taht it-tmexxija ta' hames Prim Ministri differenti.

“Illi ghalhekk huwa opportun illi r-rikorrenti jigu ordnati minn din il-Qorti sabiex jiccaraw dak li fil-fatt qeghdin jallegaw ukoll fl-interess tar-rispett ghad-dritt tas-smigh xieraq.

“C. Dwar il-Mertu.

“3. Illi l-esponent m’huwiex f’pozizzjoni illi jaqbel mal-ewwel talba tar-rikors promotur proprju peress illi ladarba d-delitt m’huwiex rizolt huwa mpossibbli li wiehed, ikun min ikun, jasal ghall-konkluzjoni dwar x’kien il-motiv li ghalih sar. Illi ghalhekk l-ewwel talba fir-rikors promotur hija, *rebus sic stantibus,* insostenibbli. Dan apparti l-fatt li din il-Qorti ma ghandhiex u ma tistax tintuza bhala strument investigattiv ta’ reati kriminali b’mod partikolari meta tali investigazzjoni ghadha ghaddejja quddiem l-awtoritajiet appozitament intizi u attrezzati biex jaghmlu tali investigazzjonijet fosthom awtorita` gudizzjarja ohra bhal ma hu l-Magistrat Inkwirenti.

“4. Illi dwar it-tieni talba u l-allegazzjoni fis-sens illi l-Gvern irrifjuta illi jaghti kumpens lir-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi l-Gvern qatt ma ha decizjoni fis-sens allegat mir-rikorrenti. Fil-protest gudizzjarju msemmi fir-rikors promotur r-rikorrenti m’humiex qed jitolbu kumpens *ex gratia* izda qeghdin jallegaw dritt kontra l-Gvern fondat ukoll fuq allegazzjonijiet ta’ mal-amministrazzjoni mhallta ma’ insinwazzjonijiet ta’ *mala fede* u attribuzzjonijiet ta’ motivazzjonijiet mhux xierqa. Din hija haga totalment differenti mis-semplici talba ghal kumpens taht skema ta’ kumpens *ex gratia* lil vittmi tad-delitti. Dan hu bizzejjed biex tigi rigettata l-pretensjoni ta’ diskriminazzjoni migjuba ‘l quddiem mir-rikorrenti peress li z-zewg sitwazzjonijet ma humiex komparabbli. Illi aktar milli l-Gvern jigi azzjonat talli ma rrispondiex ghall-protest gudizzjarju tar-rikorrenti minn Settembru 2007 (prudenza u diskrezzjoni li huwa kellu kull dritt li jezercita specjalment f’cirkostanzi straordinarji bhal ma taw lok ghalihom ir-rikorrenti stess bid-dewmien fl-ghemil tat-talba u n-natura tal-motivazzjonijiet ta’ dik it-talba, u dan mhux ghall-pagament *ex gratia* izda ghall-pretensjoni ta’ dritt) huma r-rikorrenti li ghandhom *se mai* jispjegaw lill-Gvern u lill-Qorti kif wara li ma ghamlu ebda talba ghall-kumpens ghal kwazi tletin (30) sena (u ghalhekk wiehed jista’ kemm logikament kif ukoll legalment jikkonkludi illi huma ghazlu li ma jitolbux kumpens taht id-diversi skemi ta’ kumpens *ex gratia* li kien jamministra l-Gvern minn zmien ghal zmien), agixxew issa b’din il-procedura kostituzzjonali urgenti u dan ukoll mhux b’talba artikolata ghall-hlas ta’ kumpens *ex gratia* kif sar fil-kazijiet l-ohra kollha izda b’attakk fuq il-Gvern u b’allegazzjonijiet ta’ diskriminazzjoni u *mala fede*.

“5. Illi dwar l-allegazzjoni ta’ diskriminazzjoni bi ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni l-esponent jichad li saret tali diskriminazzjoni u jichad illi kien hemm xi persuni li kienu fl-istess sitwazzjoni tar-rikorrenti (u li damu daqs ir-rikorrent biex jivvantaw pretensjoni ghall-kumpens u halltu l-pretensjoni taghhom ma’ allegazzjonijet u pretensjonijiet ohra barra minn lokom) li gew trattati b’mod differenti.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Novembru, 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:
“... ... ... billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat kontenuti fir-risposta tieghu datata 15 ta’ Jannar 2008, **tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti** fir-rikors kostituzzjonali taghhom datat 4 ta’ Jannar 2008 b’dan illi:-

“1. Taqta’ u tiddeciedi illi d-delitt fuq deskritt li sehh fit-28 ta’ Dicembru 1977 li fih giet maqtula Karin Grech, bint minuri u oht rispettivament tar-rikorrenti, sehh bhala konsegwenza tas-servizzi rezi mir-rikorrenti Professur Edwin Grech lill-Gvern ta’ Malta.

“2. Taqta’ u tiddeciedi illi bir-rifjut tieghu illi jaghti ghal dan il-kaz l-istess trattament ta’ kumpens bhal ma ghamel f’kazijiet ohra fejn sehhew delitti li gew meqjusa bhala li sehhew ghal ragjunijiet meqjusa pubblici u/jew ta’ prestazzjoni ta’ servizz lill-Gvern ta’ Malta, l-intimat agixxa b’mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti bi ksur tal-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta**.

“3. Tordna lill-intimat li jhallas lir-rikorrenti l-ammont ta’ erba’ mija u dsatax il-elf, mitejn u sebgha u tmenin ewro (€419,287) ekwivalenti ghal mija u tmenin elf lira (Lm180,000), bhala kumpens li din il-Qorti thoss li huwa xieraq u gust fic-cirkostanzi in linea ma’ kumpens hekk kif l-intimat hallas u agixxa f’kazijiet ohra, kollox kif hawn fuq spjegat f’din is-sentenza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi din hija kawza kostituzzjonali fejn r-rikorrenti qed jitolbu li jigi deciz li d-delitt li sehh fit-28 ta’ Dicembru 1977 li fih giet maqtula Karin Grech, bint minuri u oht rispettivament tar-rikorrenti, sehh bhala konsegwenza tas-servizzi rezi mir-rikorrenti Professur Edwin Grech lill-Gvern ta’ Malta kif fuq imsemmi u li konsegwentement bir-rifjut tal-intimat li jaghti ghal dan il-kaz l-istess trattament

ta' kumpens bhal ma ghamel f'kazijiet ohra fejn sehhew delitti li gew meqjusa bhala li sehhew ghal ragjunijiet meqjusa pubblici u/jew ta' prestazzjoni ta' servizz lill-Gvern ta' Malta, u dan f'forma ta' *ex gratia payments,* l-intimat qieghed jagixxi b'mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent bi ksur tal-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**; ghalhekk qed jintalab li jigi ddikjarat li r-rikorrenti huma eligibbli bhal haddiehor ghal tali kumpens, u tordna lill-intimat li jhallas lir-rikorrenti tali ammont meqjus xieraq u gust fic-cirkostanzi proprju *in línea* ta' kumpens hekk kif l-intimat hallas u agixxa f'kazijiet ohra.

“Illi jinghad li l-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li la darba skont l-intimat l-azzjoni hija mibnija fuq allegat abbuz ta' poter jew ghal ksur tal-ligi ta' xi branka tal-amministrazzjoni pubblika, mela allura l-azzjoni li trid issir hija a bazi tal-**artikolu 469 A tal-Kap. 12** li skont l-intimat *“joffri bazi adegwata ghar-rimedju ghal dak li r-rikorrenti qeghdin jilmentaw minnu”.*

“Illi din il-Qorti thoss li din l-eccezzjoni ma ghandha l-ebda bazi u dan peress li jirrizulta li l-azzjoni odjerna hija bbazata fuq il-premessa li l-mewt ta' Karin Grech, b'rizultat ta' griehi li hija garrbet meta fethet pakkett *b'wrapping paper* tal-Milied li sploda ghaliex kien jikkontjeni materjal splussiv fih, kienet marbuta ma' cirkostanzi medico-prattici u politici li kienu jesiztu dak iz-zmien minhabba t-tilwima industrijali bejn il-professjoni medika u l-Gvern u dan peress li r-rikorrenti odjern il-Professur Edwin Grech kien gie kkunsidrat li bl-impjieg tieghu mal-Gvern u bis-servizzi li huwa pprovda f'dak iz-zmien huwa kien qed jimxi kontra l-interessi tat-tobba kif mifhuma mill-Assocjazzjoni tat-Tobba ta' dak iz-zmien il-M.A.M. u dan anke kif jinsab indikat fis-sentenza fl-ismijiet **“Il-Professur Dr. Edwin Grech vs Anthony Mallia”** (P.A. (FGC) – 24 ta' Marzu 1992), u allura qed jinghad li tali delitt kien rizultat tal-imsemmija cirkostanzi; separatament qed jigi allegat li tali delitt kien direttament jew indirettament relatat mal-prestazzjonijiet medici li l-istess Professur Edwin Grech kien ta lill-Gvern dak iz-zmien, u dan kien allura jintitolah ghall-hlas ta' kompens *ex gratia* kif inghataw diversi vittmi ta' delitti li sehhew

minhabba cirkostanzi pubblici u/jew prestazzjonijiet ta' servizz lill-Gvern, liema kumpens baqa' ma inghatax kif inghata lil diversi persuni, u kien ghalhekk li r-rikorrenti qed jghid li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tieghu skont dak li jipprovdi l-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.** Dan johrog car anke mill-istess rikors promotorju u anke mill-affidavit tal-Professur Edwin Grech datat 18 ta' Mejju 2008 (fol. 25) li jghid testwalment li:-

*"Jiena, marti u ibni qeghdin nipprezentaw dan il-kaz quddiem dina l-Onorabbli Qorti minhabba dan u minhabba l-fatt illi, jekk il-Gvern ghazel illi jirrikonoxxi kazijiet ta' vittmi ta' delitti ta' natura politika jew pubblika, allura l-qtil ta' binti fil-kuntest li hu spjegat hawn fuq, certament illi* <u>*mill-inqas*</u> *ghandu jinghata l-istess konsiderazzjoni".*

"Illi dwar dan jinghad li jirrizulta, tant li l-partijiet qablu dwar dan, li ma kien hemm ebda ligi li tirregola tali hlas *ex gratia* lil vittmi ta' xi delitt li sehh b'xi mod minhabba cirkostanzi pubblici u/jew prestazzjonijiet ta' servizzi lill-Gvern, u fil-fatt jirrizulta mix-xhieda ta' Leonard Callus bhala deputat kap tas-Segretarju Privat tal-Onorevoli Prim Ministru (affidavit datat 30 ta' April 2009) li mid-dokumenti esebiti minnu l-Gvern kien effettwa diversi hlasijiet taht diversi skemi jew dak li huwa sejjah bhala *"arrangament ad hoc"* bejn is-snin 1990 u llum, b'dan li tali informazzjoni giet migbura minn Dok. "LC1" (fol. 95 – fol. 127) mill-ufficju tal-Kabinett, mill-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, u mill-Ministeru tal-Gustizzja u l-Intern u din l-informazzjoni hija riprodotta fil-Memorandum intitolat *"Compensations by Government to Victims of Crime from 1990 to date"* datat 30 ta' April 2009, izda mhux fuq xi bazi ta' xi provediment legali.

"Illi in sosten ta' dan, id-difensuri tal-partijiet fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2010 (fol. 210) ivverballizaw li *"jaqblu li meta gara l-kaz ma kienx hemm ligi li tirregola ex gratia payments, u l-kazijiet fejn inghata kumpens ma kienx hemm ligi dwar ex gratia payments"* u allura din il-Qorti thoss li ma jistax jinghad li l-istess rikors odjern seta` qatt isir taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 469 A tal-Kap. 12** bhala azzjoni ta' stharrig amministrattiv, proprju ghaliex

ma hemm l-ebda ligi li tirregola tali tip ta’ kumpens li ghalhekk huwa msejjah bhala *ex gratia payment*. Taht dan l-aspett, din l-eccezzjoni tal-intimat qed tigi michuda.

“Illi jekk tali eccezzjoni tittiehed taht l-aspett li f’kawzi kostituzzjonali dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem irid jigi kkunsidrat il-kuncett ta’ ezawriment tar-rimedji taht id-disposizzjojnijiet tal-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** sabiex din il-Qorti tezercita l-poteri kostituzzjonali taghha, qed issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **“Raymond Vella u Victoria Bugeja bhala Diretturi u in rappresentanza tas-socjeta` Fekruna Ltd vs Il-Kummissarju ta’ l-Artijiet”** (Q.K. - 24 ta' Mejju, 2004) fejn l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qalet illi:-

*“il-legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim Awla biex, minn naha l-wahda ma jkunx hemm kawzi kostituzzjonali (jew taht il-Kap. 319) bla bzonn, izda minn naha l-ohra jigi assigurat li f'kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew u taht il-lenti tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea (anke jekk dawn setghu jigu ezaminati taht xi ligi ohra) dawn jigu hekk ezaminati, u dan fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li "huma jew kienu disponibbli" favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghha. Konsegwentement meta l-Prim Awla taghzel li tezercita s-setghat taghha, din il-Qorti Kostituzzjonali ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata minn dik il-Qorti hlief f'kazijiet fejn dik il-Qorti tkun manifestament u grossolanament zbaljat fl-uzu ta' dik id-diskrezzjoni”.*

“Illi barra minn dan fil-kaz fl-ismijiet **“Tefarra Teseba Berhe vs Kummissarju tal-Pulizija”** (P.A. - 20 ta’ Gunju 2007) din il-Qorti sostniet ukoll li:-

*“l-eżistenza ta’ rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ta’ allegat ksur ta’ jedd fondamentali tat il-Kostituzzjoni jew tat il-Konvenzjoni ghandha tirriżulta lill-Qorti bhala **stat ta’ fatt attwali u obbjettiv**, u d-diskrezzjoni li tista’ twettaq il-Qorti biex ma teżeritax is-setghat taghha “jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel” minabba l-eżistenza ta’ rimedju iehor hija deciżjoni fuq tali **stat ta’ fatt.”***

*"Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jii allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat".*

"Illi f'dan il-kuntest l-intimat odjern qed jghid li r-rikorrenti kellhom a disposizzjoni taghhom mezzi xierqa ta' rimedju ordinarju, izda din il-Qorti tinnota li wiehed ma jistax jitkellem fuq rimedju ordinarju meta lanqas biss hemm ligi li kienet tirregola il-kumpens li attwalment inghata *ex gratia* lil numru ta' persuni u vittimi, kif irrizulta fil-lista appena msemmija f'din il-kawza, u dan huwa fatt inkontestat kif jidher mill-verbal tas-seduta tat-22 ta' Gunju 2010, fejn kif gja gie accennat id-difensuri tal-partijiet qablu li meta gara l-kaz ma kienx hemm ligi li tirregola *"ex gratia payments",* u wkoll li fil-kazijiet fejn attwalment inghata kumpens ma kienx hemm ligi dwar *"ex gratia payments"*. Ghalhekk bl-ebda mod ma jista` qatt jinghad li kien hemm xi ghemil amministrattiv jew nuqqas ta' decizjoni naxxenti minn xi ligi jew regolament li l-Gvern kellu josserva, u ghalhekk ma jistax jinghad li r-rikorrent taht dawn ic-cirkostanzi kellu xi rimedju ordinarju skont il-ligi sabiex jiehu r-rimedju ta' dak li qed jallega. Illi ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda anke fuq dan il-binarju u din il-Qorti ma tistax hlief tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza taht il-kompetenza attwali taghha.

"Illi eccezjoni ohra mressqa mill-intimat l-Onorevoli Prim Ministru hija fis-sens li jghid li r-rikorrenti indirizzaw din l-azzjoni hazin meta ntavolaw dina l-kawza kostituzzjonali kontra l-Prim Ministru, u dan ghaliex la l-Prim Ministru personalment u lanqas l-Ufficcju tal-Prim Ministru ma jamministraw skemi ta' kumpens ghall-vittmi tad-delitti kkagunati minn reati.

"Illi f'dan il-kuntest u qabel xejn din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Joseph Bartolo vs l-Onorevoli Prim Ministru et"** (Q.K. - 27 ta' Frar, 2009),

fejn l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qalet li, *"ir-rapprezentanza tal-Gvern waqt proceduri gudizzjarji hija trattata b'mod ben specifiku fl-Artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi: il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat filmaterja in kwistjoni … L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern. Minn din id-disposizzjoni huwa ferm evidenti li l-Prim Ministru ma huwiex indikat bhala li ghandu r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern fil-kuntest ta' proceduri gudizzjarji istitwiti fil-konfront tal-Gvern".*

"Illi izda fuq kollox din is-sentenza tkompli tispjega li r-raguni wara tali disposizzjoni tal-ligi hija s-segwenti:-

*"Ir-rilevanza ta' din id-disposizzjoni ma tistax u ma ghandhiex tigi sottovalutata, u dan billi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet* ***Kenneth Brincat v. Avukat Generali et****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' Jannar 2003, fejn a sua volta giet iccitata s-sentenza* ***Raymond Gauci v. Il-Pulizija et****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta' Gunju 2002, "ma hemm ebda dubju li l-iskop ta' l-emenda li saret f'dan l-artikolu imsemmi permezz ta' l-Att XXIV ta' l-1995 kienet intiza sabiex wiehed jiffacilita r-rikors lejn il-Qrati f'kull kawza inkluzi f'kazi ta' allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, u dan anke sabiex jigu evitati tragitti interminabbli dwar il-kwistjonijiet ta' min huwa legittimu kontradittur f'kawza kostituzzjonali, li sfortunatament il-Qorti kienet inondata bihom qabel l-imsemmija emenda, li hafna drabi u wisq izjed minn desiderabbli, wasslu biex azzjoni kostituzzjonali giet terminata fuq punti ta' procedura, minghajr ma l-Qorti ezaminat il-bazi tal-problema kostituzzjonali mqajma…"*

"Illi huwa proprju taht dan l-animu li l-eccezzjoni odjerna ghandha u trid tigi kkunsidrata, u din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta effettivament li f'dan il-kaz partikolari huwa l-intimat attwali li huwa l-legitimu

kontradittur u dan peress li jirrizulta li l-Prim Ministru huwa l-persuna li fl-ahhar mill-ahhar japprova l-ghoti ta’ tali kumpens li gie mhallas *ex gratia* lill-vittmi li sofrew danni personali minhabba certu delitti relatati ma’ dak li huwa msejjah bhala *“breakdown of law and order”,* jew inkella li sofrew danni materjali kawza ta’ spluzjoni ta’ bombi jew hsara fil-vetturi taghhom taht il-vari skemi hawn imsemmija ntrodotti mill-istess Gvern.

“Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li huwa sintomatiku li tirreferi ghall-ittra datata 10 ta’ Marzu 2009 (Dok. “PG 1” – fol. 28) fejn proprju f’dan il-kaz Dr. Peter Grech bhala Deputat Avukat Generali rrisponda ghal dak indikat bhala *“claim for ex gratia compensation”* ghan-nom tal-imsemmi Prim Ministru, tant li f’ittra indirizzata minnu lil Dr. Perici Calascione u indikata bhala “Without Prejudice” jinghad li *“the Prim Minister has approved that an ex gratia payment of two hundred thousand Euro (€200,000) be offered to your clients Prof. Edwin Grech, Mrs Pearl Grech and Mr. Kevin Grech jointly and in full and final settlement of their above claims”.* Dan indubbjament jindika li certament il-Prim Ministru jassumi, u f’dan il-kaz assuma, r-responsabbilta’ ta’ tali decizjonijiet u offerta maghmula, li huwa proprju wiehed ta’ *ex gratia payment* jew nuqqas ta’ hlas ta’ l-istess.

“Illi dan huwa konfortat ukoll mill-fatt li Leonard Callus, li jahdem fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru, u x-xhud Carmelo Vella stqarru li effettivament u finalment huwa l-Kabinett li japprova tali kumpens, u b’hekk din il-Qorti hija tal-fehma li peress li l-Prim Ministru huwa r-responsabbli ghad-decizjonijiet u l-approvazzjonijiet fi hdan l-istess Kabinett, huwa hu l-legittimu kontradittur f’din il-kawza ghaliex finalment tali decizjoni ahharija ghal hlas taht tali skemi ta’ kumpens tispetta lilu.

Illi fil-fatt mill-lista li tidher minn fol. 113 sa fol. 127 tal-process jirrizulta li fil-maggor parti tal-kazi kien proprju l-Kabinett li ha l-istess decizjoni taht listi imsejjha bhala *“Cabinet Office List 1”* u *“Cabinet Office List 2”* tant li kien hemm 111 il-kaz minn 127 kaz li kienu trattati taht l-istess

skemi, mentri 16 gew trattati mhux mill-Kabinett izda taht il-MFEI jew MHAJ (fol. 113).

“Illi veru li jidher li prezentament Carmelo Vella, Assistent Direttur fil-Ministeru tal-Gustizzja (Dok. “CV” – affidavit datat 19 ta’ Frar 2010 – fol. 140) sostna li llum jidher li hemm prassi illi ssir talba lil Ministeru tal-Gustizzja u l-Intern, u in sostenn ta’ dan esebixxa sitt talbiet immarkati bhala Dok. “CV 1” sa Dok. “CV 6”, pero’ huwa ovvju li tali numru ta’ talbiet huwa zghir wisq meta tikkonsidra l-Gvern ta kumpens *ex gratia* ghall-vittmi ta’ delitti bhal dawk indikati fil-listi imsemmija f’127 il-kaz u allura ma jistax jinghad b’daqshekk li t-talba simili bhal dik tallum kellha ssir lill-Ministeru tal-Gustizzja u l-Intern, iktar u iktar meta dan ma huwa rikjest fl-ebda ligi. Din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti fil-kaz odjern jirrizulta li fil-gran maggoranza tal-kazi fejn inghata kumpens *ex gratia* dan inghata wara li l-kaz gie riferut lill-Kabinett u la darba dan huwa l-kaz, din il-Qorti thoss li l-intimat odjern l-Onorevoli Prim Ministru huwa l-legittimu kontradittur, kif fuq kollox id-Dok. “PG 1” jikkonferma. Illi ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

“Illi dwar il-mertu tal-kaz jirrizulta li r-rikorrenti qeghdin jilmentaw minn diskriminazzjoni fil-konfront taghhom ai termini tal-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.** F’dan l-artikolu, il-kelma *"diskriminatorju"* tfisser ghoti ta’ trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skont ir-razza, post ta’ origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess li minhabba fihom persuni ta’ deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu suggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta’ deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux suggetti ghalihom jew ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil persuni ta’ deskrizzjoni ohra bhal dawn. In partikolari, r-rikorrenti jilmentaw li hadd ma ghandu jigi trattat b’mod diskriminatorju minn xi persuna li tagixxi bis-sahha ta’ xi ligi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta’ xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika, u f’dan il-kaz hemm riferenza partikolari ghal dak li huwa it-twemmin politiku tar-rikorrenti, tant li l-kaz tieghu huwa mibni fuq il-

prestazzjonijiet tal-Professur Edwin Grech fi zmien meta kien hemm tilwima industrijali bejn il-Gvern u t-tobba, li kellha konnotamenti medico-socjali u politici, u allura f'dan il-kuntest il-kaz jaqa' taht it-terminoligija ta' trattament diskriminatorju li l-istess artikolu kostituzzjonali jipprova jittenta jimpedixxi u jevita u jaghti salvagwardja ghall-istess.

"Illi ghalhekk irid jigi ppruvat li r-rikorrenti kien effettivament trattat b'mod differenti minn persuni ohra li kienu vittmi ta' reat simili li sehhew minhabba l-prestazzjonijiet taghhom mal-Gvern jew ma` xi entita' pubblika jew inkella li sofrew tali dannu minhabba it-twemmin politiku, liema vittmi jew persuni gew attwalment kompensati *ex gratia* mill-Gvern meta r-rikorrenti ma gewx hekk ikkompensati.

Illi l-istess inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Frederick Zammit Maempel vs Il-Kummissarju tal-Pulizija"** (P.A. (RCP) 29 ta' Marzu 2009) fejn proprju dwar il-kuncett ta' diskriminazzjoni l-Qorti Ewropeja, fl-analizi taghha ta' diskriminazzjoni ccitat il-kaz ta' **"Litghow and Others vs. United Kingdom (1986)** fejn qalet li l-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea** "*safeguards persons … who are 'placed in analogous situations' against discriminatory differences of treatment*". Il-Qorti Ewropeja tghid ukoll li sabiex tirnexxi tali tip ta' azzjoni, l-applikant irid jidentifika il-grupp ta' nies li gew trattati differentement. Saret referenza ghall-kaz **Fredin vs. Sweden (1991)** fejn il-Qorti Ewropeja irrimarkat li biex l-applikant jirnexxilu jipprova li kien hemm diskriminazzjoni irid jistabbilixxi "*inter alia, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of the persons who have been better treated*". Ghalhekk ir-rikorrenti kellhom igibu l-prova illi persuni li jinkwadraw taht id-definizzjoni tal-ligi qeghdin jircievu xi trattament differenti.

"Illi *inoltre*, fil-kaz **"Litghow and others vs. United Kingdom" (1986)** il-Qorti Ewropeja qalet li, "*for the purpose of article 14, a difference of treatment is*

*discriminatory if it has 'no objective or reasonable justification', that is, if it does not pursue a legitimate aim*."

"Illi fil-kaz odjern, ir-rikorrenti jsostnu li kien hemm grupp ta' persuni li inghataw kumpens, u huma (ir-rikorrenti) li ma inghatawx, u dan meta c-cirkostanzi kienu simili u ma hemmx allura raguni ghaliex ir-rikorrenti ma ghandhomx jinghataw kumpens bhal haddiehor u b'hekk gew diskriminati ghal wahda jew aktar mir-ragunijiet indikati taht l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni, partikolarment dak politiku.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-Gvern permezz ta' diversi skemi pproceda biex jikkumpensa lil numru ta' persuni li kienu vittmi ta' delitti jew fatti meqjusa li sehhew minhabba cirkostanzi pubblici u/jew ta' prestazzjoni ta' servizz lill-Gvern u/jew minhabba atti vjolenti naxxenti mill-klima politiku u socjali partikolari li kien fiha pajjizna fil-mument li sehhew tali delitti. Ghalhekk l-ewwel irid jigi ppruvat il-fatt li l-incident mertu tal-kawza kien sar minhabba, jew konsegwenza ta`, cirkostanzi pubblici u/jew ta' prestazzjoni ta' servizz lill-Gvern u/jew minhabba atti vjolenti naxxenti mill-klima politiku u socjali.

"Illi mill-provi mressqa quddiem din il-Qorti jinsab ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi li dan kien delitt ta' natura mediku-politiku frott tal-klima partikolari li nholqot fil-kwistjoni industrijali ta' dak iz-zmien bejn il-Gvern u l-Assocjazzjoni Medika ta' Malta, indirizzat lejn il-persuna tar-rikorrent Professur Edwin Grech u li sfortunatament it-tifla tieghu Karin Grech sfat vittma ta' dan il-klima politiku.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-Professur Edwin Grech kien accetta t-talba tal-Gvern Malti biex jippresta servizz professjonali f'pajjizu fi zmien meta kien hemm disgwid socjali u tensjoni qawwija fl-ambitu tal-azzjoni industrijali li kienet qed issehh. Dan l-isfond tat-tragedja li sehhet lill-familja tar-rikorrenti tirrizulta wkoll mill-isfond tal-kawza fl-ismijiet **"Prof Dott Edwin Grech vs Anthony Mallia noe et"** (P.A. (FGC) - 24 ta' Marzu 1992) kawza ta' libell fil-konfront tal-Prof Grech u fejn hemm deskrizzjoni tal-isfond

u kuntest storiku li fih sehhew l-avvenimenti mertu ta’ din il-kawza u fejn inghad li :-

*“Irrizulta li meta bdiet it-Tilwima Industrijali bejn it-tobba u l-Gvern, fit-2 ta’ Gunju 1977, l-attur ma kienx membru tal-Union tat-Tobba maghrufa bhala ‘MAM’. Dan il-fatt kien certament jaghti d-dritt lill-attur li ma jobdix id-direttiva tal-MAM u li ma johrogx ‘on strike’ kieku kien il-kaz li kien fl-impieg tal-Gvern dakinhar. Izda, fil-fatt, huwa ma kellux impieg mal-Gvern meta skoppjat it-Tilwima mat-Tobba. Irrizulta li l-attur ha impieg mal-Gvern waqt li kienet ghaddejja din it-Tilwima bejn l-istess Gvern u t-Tobba membri tal-MAM. Jekk kienx l-attur stess li talab biex jidhol mal-Gvern jew inkella jekk giex mitlub biex jaghmel dan, huwa dettall li m’ghandu l-ebda importanza ghall-kawza odjerna. Li hu cert hu li l-attur dahal fl-impieg Governattiv, kif xehed hu stess, wara li kienet harget dik il-ligi fejn it-tobba, li kienu fuq strike, kienu gew sospizi jew imkeccija. Haga ohra li hija zgura hi li l-attur ha dan il-pass b’ghajnejh miftuha ghal dak li decizjoni bhal din setghet tiswilu f’termini ta’ relazzjonijiet personali fir-rigward tat-tobba l-ohra li kienu membri tal-Union MAM u li kienu on strike. Difatti, irrizulta li meta kienet gja bdiet it-Tilwima Industrjali tat-tobba mal-Gvern u kien hemm dicerija li l-attur kien ser jiehu impieg Governattiv, kien marru jkellmuh id-dar tieghu zewgt ihbieb tieghu tal-kors, li kien Dr Lino German u l-Professur Frederick Fenech; tal-ewwel kien Segretarju tal-Union tat-tobba u l-Professur Fenech kien membru tal-Kumitat tal-istess Union u dan fi zmien li kienet ghaddejja l-istess Tilwima…”.*

*“Il-Professur Fenech, fil-kors tad-deposizzjoni tieghu jiddeskrivi hekk dan l-inkontru; ‘…Lino German staqsieh jekk hiex dicerija dak illi konna smajna, hux veru jew le u, fil-fatt, huwa kkonferma d-dicerija li kien dehrlu li ghandu jidhol mal-Gvern…imbaghad Lino German fakkru wkoll fuq is-sanzjonijiet li kienet harget l-Union qabel ma bdiet l-Industrial Action…u semmielu wkoll il-fatt tas-social boycott dak iz-zmien”.*

*“Jiena haga li niftakarha, din niftakarha cara, kien qal, tant hu hekk, il-mara tieghu li daret fuqi u qaltli: “Edwin ghalik*

*biss inkwieta ruhu because inti kont l-uniku wiehed li tittrattah tajjeb meta jigi Malta"…Ghidtlu: "Jiena haga wahda biss ghallimni missieri li meta rrid norqod bil-lejl, irrid immur norqod b'rasi mistrieha" u jiena ghidtlu illi jekk jaghmel hekk, jekk jikkonferma illi jaghmel hekk, dan kien qisu ta' stallettata, dan ghal shabu u l-kuxjenza ma thalliehx jorqod…ghidna sahha lil xulxin and we left…".*

"Illi hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li anke minn din is-silta tas-sentenza citata johrog l-isfond socjali u storiku ta' dak iz-zmien u jidher li l-posizzjoni tar-rikorrenti li accetta dan ix-xoghol mal-Gvern kienet suggett ta' tensjoni kbira ghalih u ghall-familja tieghu mhux l-inqas minhabba dak kollu li kien qed jigri u ghaliex huwa kien qed jigi kkunsidrat minn membri tal-professjoni medika bhala *strike breaker* u wkoll b'agir mhux etiku (*"grossly unethical behaviour" ),* u wkoll dettat minn motivi deskritti bil-kliem *"which has been motivated by greed and personal advancement at the expense of his colleagues"* . Fil-fatt l-istess rikorrenti kien gie akkuzat bl-ittra msemmija suggett tal-kawza citata li l-agir tieghu *"has craeted disharmony and animosity and failed to maintain the dignity and honour which is expected from a Fellow of the Royal College".* Huwa fit-fatt ghalhekk li l-investigazzjonijiet tal-Pulizija, li s'issa ma tawx ezitu finali dwar id-delitt tragiku ta' Karin Grech, kwazi dejjem kienu fuq il-linja ta' delitt mediku-politiku konness mal-ingagg tal-Professur Edwin Grech fis-servizz tal-Gvern f'dak iz-zmien partikolari.

"Illi fil-fatt jinghad li l-pista prevalenti segwita mill-pulizija kienet dejjem relatata mal-istess servizz li l-imsemmi Professur Edwin Grech kien qed jaghti dak iz-zmien mal-Gvern, u ma` dan jizdied ukoll kemm il-klima mediko-politika li kienet tezisti f'dak iz-zmien, kif ukoll il-klima generali politika li kienet tirrenja f'Malta dak iz-zmien u li jinsabu spjegati sewwa wkoll fis-sentenza citata.

"Illi dan jirrizulta mill-brani tax-xhieda fin-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti mehuda mill-affidavit tal-Professur Edwin Grech, u mix-xhieda ta' martu Pearl Grech li jinsabu riporatati a fol. 184 tal-process u li ghalihom qed issir riferenza. Proprju minhabba li l-agir tar-

rikorrenti li jidhol fis-servizz tal-Gvern meta dahal gie meqjus minn diversi kollegi tieghu bhala dak ta' *strike breaker* wassal lill-Pulizija sabiex tikkoncentra l-investigazzjonijiet taghha principarjament fuq din il-pista u dan kif jirrizulta mix-xhieda kollha prodotta inkluz dik ta' Charles Demicoli li kien Spettur tal-Pulizija dak iz-zmien (xhieda tat-22 ta' Ottubru 2008 – fol. 47), tal-Ispettur Chris Pullicino (xhieda tat-22 ta' Ottubru 2008), tal-Assistent Kummisarju Pierre Calleja (xhieda 8 ta' Ottubru 2009 – fol. 135) li kollha kkonfermaw li l-investigazzjoni kienet dejjem relatata max-xoghol ta' natura medika li l-Professur Edwin Grech kien assuma fl-Isptar bhala impjegat mal-Gvern f'dak iz-zmien. Sahanistra l-istess Kummissarju tal-Pulizija attwali jghid li filwaqt illi gew ikkunsidrati pisti ohrajn, huwa jishaq li l-pista mediko-politika bhala dik l-aktar segwita u huwa sostna wkoll li meta huwa nvolva ruhu fil-kaz kien wara 19 il-sena (fol. 156) u kienu interrogaw nies li kienu fil-*Medical Council jew Association* u studenti tal-medicina u fil-fatt huwa jghid li:-

*"Il-fatt li kellek tabib iehor ukoll involut, iktar tkompli ghalina tissustanzja u tikkorrobora l-motivazzjoni li tkellimna tal-politiku medico ghal poklitiku. Jigifieri l-main motive ahna kwazi ….; pero' nerga nirrepeti u dan minghajr ma neskludi suspetti ohra…. Pero' f'dan il-motiv li jiena qed insemmilek huwa motiv li ahna tajna u hdimna hafna fuqu"*

"Illi fil-fatt mill-atti kollha tal-kawza hadd mill-partijiet ma ttenta jissugerixxi li l-istess qtil ta' Karin Grech ma kienx konness mal-impjieg tal-Professur Edwin Grech mal-Gvern f'dak iz-zmien u l-klima partikolari ezistenti f'dak iz-zmien fejn il-kwistjoni industrijali tat-tobba kienet tant eskalat li inghatat dimensjoni politika mill-iktar gravi ma tistax mill-provi prodotti ma tigix konnessa ma' dan il-kaz, u fil-fatt ma sar l-ebda suggeriment iehor min parti jew ohra, li taghti spjegazzjoni ghal dak li gara; certament ma ssemmietx bl-ebda mod u taht l-ebda cirkostanza xi grajja jew fatt li kien estraneu mal-impjieg tal-Professur Grech, u ma ssemma l-ebda suspett fuq xi persuna jew xi kaz li kien jinvolvi lill-imsemmija u tant mibkija Karin Grech stess, b'dan li l-atti processwali kollha juru li dan il-kaz

kien konness mal-i*strike* li t-tobba kien ghamlu dak iz-zmien u l-fatt li l-Professur Grech kien ikkunsidrat mill-Assocjazzjoni li tipprezenta lill-professjoni medika li huwa kien *strike breaker* u bl-impjieg tieghu mal-Gvern din hasset li kien qed jippregudika l-posizzjoni tieghu. Fl-aghar ipotesi xorta wahda gie ppruvat li dan ir-reat li sewa l-hajja ta' tfajla innocenti kien konness mal-impjieg tal-imsemmi rikorrenti il-Professur Edwin Grech mal-Gvern.

"Illi certament allura li r-rikorrenti jikkwalifikaw bhala persuni jew vittmi ta' delitt li sehh b'xi mod minhabba cirkostanzi pubblici u/jew prestazzjonijiet lill-Gvern u dan ukoll jekk dan jittiehed fl-isfond tal-iskemi li applika l-Gvern minn zmien ghal zmien sabiex jipprovdi skemi jew arrangamenti *ad hoc* sabiex joffri kumpens lil tali vittimi. Fil-fatt il-lista provduta mill-imsemmi Leonard Callus tipprovdi kompliment shih ta' kazijiet ta' natura differenti li kienu vittmi ta' delitti li sofrew minhabba klima politika prevalenti f'xi zmien partikolari u/jew minhabba li reat li l-vittma kienet soggetta ghalih kien relatat max-xoghol tieghu mal-Gvern jew entita' pubblika. Issir riferenza wkoll ghall-ittra datata 11 ta' Mejju 2008 mill-Professur J.A. Muscat kirurgu ta' reputazzjoni li kien kiteb fil-*Malta Independent on Sunday* fil-11 ta' Mejju 2008 (Dok. "B") u wkoll minn estratt mill-ktieb "*Malta in The Making"* ta' Dr. Edgar Mizzi (pagna 269 tal-istess – Dok. "C" – fol. 29).

"Illi fil-fatt l-Istat jirrizulta li kkumpensa lil numru sinifikattiv ta' persuni li kienu vittmi ta' delitti jew fatti li sehhew minhabba cirkostanzi pubblici u/jew ta' prestazzjoni ta' servizz lill-Gvern u/jew minhabba atti vjolenti naxxenti mill-klima politiku u socjali partikolari li kien fih pajjizna fil-mument li sehhew tali delitti. Dan huwa ampjament dimostrat mid-dokumenti esebiti a fol 97 *et sequitur* tal-process. Din il-Qorti hija tal-fehma li s-sitwazzjoni tar-rikorrenti hija fl-aghar ipotesi l-istess bhal kazijiet imsemmija fid-dokumenti esebiti minn Leonard Callus. Ghalhekk jirrizulta li meta r-rikorrenti ma inghatawx kumpens *ex gratia* dan jammonta ghal trattament differenti minn dawn il-kazijiet kollha citati u dan it-trattament differenti jammonta ghal trattament dikskriminatorju fuq bazi politika, b'dan li n-nuqqas li jigi

kkumpensat *ex gratia* jiggustifika t-talba odjerna tar-rikorrenti.

“Illi din il-Qorti thoss li t-trattament tar-rikorrenti li ma rcevewx kumpens bhat-trattament tal-vittmi li rcevew kumpens anke f’diversi kazijiet fejn il-persuna li kkomettiet ir-reat ma kienitx maghrufa, u ghalhekk l-persuna rea tal-istess delitt baqghet mhux identifikata u wisq inqas processata, iwasslu sabiex din il-Qorti ssib li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfont tar-rikorrenti fit-termini tal-ligi b’dan li jista’ jinghad li gie ppruvat li kien hemm diskriminazzjoni ghaliex kien hemm *“(a) a differential treatment of (b) equal cases without there being (c) an objective aim sought and the means employed lacking”* **“Xeureb vs Kummisarju tal-Pulizija”** (Q.K. – 17 ta’ Frar 1999). Illi fil-fatt fil-kaz in ezami jista’ jinghad li gie ppruvat li r-rikorrenti gew trattati b’mod differenti minn haddiehor ghall-ebda raguni valida fil-ligi, meta minkejja li sofrew minn reat serjissimu *stante* li bint ir-rikorrenti l-Professur Edwin Grech u martu Pearl Grech tilfu lill binthom Karin Grech (oht ir-rikorrenti l-iehor Kevin Grech) kawza ta’ reat infami li jirrizulta mill-provi f’din il-kawza li kien konness mal-impjieg tar-rikorrenti mal-Gvern, u dan kif gie ampjament ippruvat u ndikat f’din il-kawza, huma ma rcevew l-ebda kumpens *ex gratia* minkejja li certament li jikkwalifikaw bhala vittmi ta’ reat li jaqghu taht il-kategorija ta’ *Victims of Crime* li gew ammessi bhala idonei biex jircievu *ex gratia payments* kemm ghal dawk il-vittmi kklassifikati bhala *“to persons who suffered bodily harm in incidents involving breakdown of law and order”* (fol. 100 – fol. 104) fejn hemm imsemmija 70 kaz, u fejn hemm kazi fejn sar pagament minhabba disgrazzji li sehhew ukoll waqt il-post tax-xoghol jew f’kaz minnhom incident fi skola; ghall-kazi klassifikati bhala kumpens maghmula *“to persons who suffered material damages following bomb explosions or damage to vehicles”* fejn hemm 70 kaz iehor inkluzi dawk li jinkludi *frame up* u sensiela ta’ spluzjonijiet b’bombi maghmula minn persuni mhux maghrufa (fol. 105 sa fol. 108) inkluz kazijiet fejn tali spluzjoni minn bombi fortunatament ma kkawzatx mewt, liema kazijiet u ohrajn jinkwadraw ruhhom ukoll fil-lista esebita bhala Dok. “PL4705” a fol. 109 sa fol. 112 tal-process li kienet

tqeghdet fuq il-mejda fis-seduta tal-Parlament tal-20 ta' Marzu 2006; u wkoll fil-lista ndikata bhala *"Compensation to Victims"* mill-1990 sad-data tad-29 ta' April 2009 (fol. 113 sa fol. 127) fejn hemm imsemmija b'kollox 127 kaz, li fil-maggor parti taghhom lanqas kienu jinvolvu mewt, hlief ghal tmien kazijiet, fosthom dawk li mietu fl-incident tal-Um el Farud, il-kaz ta' Adrian Borg, ta' Charles Camenzuli, Carmelo Ciappara u Joseph Vella Parnis, ta' Nardu Debono, ta' PC Mark Farrugia, u PC Roger Debattista. Hemm lista ohra ta' persuni li rcevew kumpens fil-*Memorandum* ippreparat minn Leonard Callus mibghut lil Edgar Galea Curmi, *Head Prime Minister's Scereteriat* datat 30 ta' April 2009 intitolat *"Compensations by Government to victims of crime from 1990 to date"* fejn jihder li ngabret informazzjoni minn tlett sorsi li huma l-Ufficcju tal-Kabinett, il-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, u il-Ministeru tal-Gustizzja (fol. 96 sa 99) u jirrizulta li dawn il-listi huma ezawrjenti kif jidher mill-kwezit mid-domanda li saret mid-difensur legali tar-rikorrenti lix-xhud George Zerafa rapprezentant tal-Ministeru tal-Gustizzja u tal-Intern (xhieda 14 ta' Jannar 2009) f'domandi a fol. 63 u 64 tal-process dwar kaz li huwa ndikat f'wahda mil-listi hawn esebiti (fol. 121).

"Illi huwa veru li fil-mori tal-kawza l-Gvern offra, u allura wara li nfethet din il-kawza, is-somma ta' €200,000 u dan kif jirrizulta mill-ittra datata 10 ta' Marzu 2010 mibghuta mid-Deputy Attorney General (illum Attorney General) Dr Peter Grech a fol 128 ta' process ghalkemm tali offerta saret bla pregudizzju. Fil-kuntest tal-istess, il-Qorti tinnota li fil-verbal tas-seduta mizmuma nhar it-22 ta' Gunju 2010, Dr. Peter Grech dak iz-zmien Deputat Avukat Generali kien ivverbalizza li *"t-talba li kienet saret ghall-kumpens kienet giet ikkunsidrata mill-Gvern illi kien qabel li jaghti kumpens skont kif jirrizulta mill-ittra a fol 128 tal-process".* B'hekk din il-Qorti thoss li meta tikkonsidra l-fattispecie tal-kaz kollu jirrizulta li dan il-kaz kien meritevoli ta' kumpens *ex gratia* u ma hemm l-ebda raguni ghaliex dawn ir-rikorrenti ma jircevux kumpens *ex gratia* bhal ma rcevew persuni ohra b'kazi inqas serji minn dak illum taht ezami, u n-nuqqas tal-Gvern li jipprovdi tali kumpens huwa fih innifsu diskriminatorju ghar-rikorrenti ghar-ragunijiet hawn

migjuba liema trattament differenzjali tar-rikorrenti ma ghandu l-ebda bazi jew gustifikazzjoni kwalunkwe kemm fattwali jew legali, izda hija forma ta' diskriminazzjoni fit-termini tal-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.**

"Illi fil-fatt, din il-Qorti ttenni li mill-provi prodotti ma jidhirx ghaliex f'dan il-kaz ma thallasx kumpens *ex gratia* u ghaliex fil-kazijiet l-ohra thallsu, u dan meta jidher li dan il-kaz huwa wiehed mill-iktar gravi anke meta komparat mal-kazi kollha fejn saru l-hlasijiet *ex gratia* proprju ghaliex jinvolvi mewt. L-argument li fil-kaz ta' Nardu Debono kien hemm  kawza pendenti ma jbiddel xejn mill-konkluzjoni ta' din il-Qorti u dan peress li f'dak il-kaz setghu jigu istitwiti proceduri kontra persuni li kienu qed jigu ndikati bhala responsabbli ta' reat, haga li f'dan il-kaz ghar-ragunijiet ovvji ma setghatx issir, izda minkejja li f'dak il-kaz gie allura vantat dritt mill-eredi tal-istess vittma, xorta wahda l-kumpens li inghata kien wiehed *ex gratia,* tant li gie inkluz fil-listi ndikati u esebiti f'din il-kawza. Qed jissemma dan il-kaz ghaliex dan il-kaz kien jinvolvi wkoll mewt, u wkoll peress li kien wiehed mill-iktar incidenti serji li dan il-pajjiz ghadda minnhom. Certament li din il-Qorti thoss li dan il-kaz ghandu l-istess portata, u huwa iktar serju ghaliex ir-rikorrenti baqghu sallum u minn jaf kemm aktar (jekk mhux qatt) minghajr ebda sens ta' gustizzja, ghaliex min kien responsabbli ghal tali delitt infami qatt ma tressaq sabiex iwiegeb ghal ghemilu. Certament li dan il-kaz huwa wiehed mill-iktar sensittivi li jista' jigi trattat f'Qorti, u s-sens ta' gustizzja, jitlob li bhal ma persuni ohra li sfaw vittmi ta' attakki kodardi u kriminali jithallsu kumpens *ex gratia,* din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz certament li l-Gvern ghandu jhallas kumpens *ex gratia* ghaliex dan il-kaz huwa meritevoli ta' tali hlas daqs, jekk mhux iktar, mill-kazijiet imsemmija li l-Gvern hallas kumpens ghalih jew ghalihom. Din il-Qorti thoss li dan il-kaz huwa fost l-iktar serji mill-kazijiet kollha li fihom thallas kumpens.

"Illi dwar l-ammont ta' kumpens *ex gratia* ghandu jinghata fuq il-linja ta' kumpens li l-intimat jidher li hallas f'kazijiet ohra; allura jigi rilevat li fil-kaz ta' Nardu Debono l-eredi tieghu inghataw kumpens ta' LM150,000 (ekwivalenti ghal €349,406 – vide fol 126) fis-sena 2003. Fl-istess sena

inghata wkoll kumpens lil Peter Paul Busuttil ghall-*'false arrest'* (sic) u dan kien ta' LM 40,000. Fis-sena 2001 Martin Gaffarena inghata LM 34,000 bhala kumpens ghall-*frame up*. Fis-sena 1996 Richard Cachia Caruana inghata LM 30,000 minhabba attentat ta' qtil. Hemm kazijiet ohra fejn thallsu sommom konsiderevoli kif jidher mill-istess lista a fol. 113 sa fol. 127 tal-process, inkluz is-somma ta' Lm124,826 mhallsa fil-kaz ta' Joseph Vella Parnis u ta' Lm60,000 mhallsa fil-kaz ta' Adrian Borg, u Lm50,000 imhallsa lill-eredi ta' PC Roger Debattista.

"Illi l-kaz ta' Nardu Debono kien kaz iehor fejn bniedem safa vittma ta' delitt li rrizulta mill-klima ta' tensjoni u d-degenerament tal-ordni fil-pajjiz. Huwa minnu li n-natura tal-kumpens huwa transazzjoni wara kawza civili maghmula mill-eredi ta' Nardu Debono, izda, finalment, dan l-istess kumpens gie kkunsidrat fl-ambitu tal-iskemi hawn fuq imsemmija (vide fol 126). Kif inghad, ma hemmx fatti oggettivi li jiddifferenzjaw dak il-kaz mil-kaz odjern u dan japplika ghall-kazijiet l-ohra fejn thallas kumpens meta mqabbla ma` dan il-kaz, hlief li dan il-kaz huwa wiehed mill-iktar serji, u certament huwa iktar jew ahjar fost l-iktar kazi meritatevoli ta' kumpens.

"Illi kkonsidrat dak li inghad fil-kaz **"Litghow and others vs. United Kingdom" (1986)** li saret riferenza ghalih aktar il-fuq u tenut kont it-test addottat minn dik il-Qorti fejn it-test ta' proporzjonalita' jezigi li tinghata konsiderazzjoni lill-fatt li l-izvantagg soffert kien eccessiv ghar-rigward ta' l-"ghan legittimu" jinghad li r-raguni li ta l-Gvern ghal dan it-trattament huwa l-allegazzjoni li r-rikorrenti qatt ma talbu kumpens. Izda apparti l-fatt li dan huwa kontestat mir-rikorrenti fejn jinghad li saru talbiet ghall-kumpens fl-14 ta' Marzu 2007, 16 ta" Mejju 2007 u 21 ta' Gunju 2007 u protest gudizzjarju datat 7 ta' Settembru 2007, li baqa' bla ebda risposta, hawnhekk il-Qorti trid tikkonsidra wkoll li l-Gvern ghandu l-obbligu jiehu l-passi huwa stess sabiex diskriminazzjoni ma ssehhx. Jinghad ukoll li l-enfasi li saret mill-intimat fuq it-'talba' li kellhom jaghmlu r-rikorrenti hija ngustifikata ghaliex ma kienx hemm ligi li tipprovdi dan u minn dak li inghad u jirrizulta mill-atti li lanqas gie ppruvat li l-hlas kollu *ex*

*gratia* sar wara talba da parti tal-vittmi jew eredi taghhom.

"Illi jinghad ukoll li fl-artikolu korrispondenti ghal dak tal-Kostituzzjoni fil-Konvenzjoni Ewropea kontra d-diskriminazzjoni, jinghad li *"it is also inherent in the scheme of the article that States are obliged to take steps to prevent discrimination falling within the ambit of the article".* Illi fid-dawl ta' dan, ma hemm l-ebda raguni ghaliex il-Gvern ma hallasx jew ma offriex li jhallas kumpens *ex gratia* almenu wara l-protest gudizzjarju, ghaliex anke jekk tali talba saret abbazi ta' xi dritt, ma kien hemm xejn x'izomm lil Gvern li jaghmel pagament *ex gratia,* izda dan lanqas ipproponieh, haga li mbaghad ikkonsidra fil-mori ta' din il-kawza. Ghalhekk fuq din il-bazi wkoll it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha.

"Illi fl-ahharnett f'dan ir-rigward qed issir referenza ghall-kaz **"Inze vs Austria" (**ECHR 28 ta' Ottubru 1987) fejn il-Qorti Ewropeja rriteniet li:-

"*The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a different treatment in law; the scope of this margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject matter and its background*." Ghalhekk gie tenut li l-Istati Membri ghandhom favur taghhom margini accettabli ghar-rigward tat-test jekk it-trattament differenti hux gustifikabbli skont il-ligi. Dan il-margini jista' jvarja skont ic-cirkostanzi, il-mertu u r-retroxena tal-kaz. Il-Qorti, b'referenza ghal dak li gie kkunsidrat hawn fuq, ma tistax issib gustifikazzjoni oggettiva u ragjonevoli l-ghaliex ma inghatax kumpens lir-rikorrenti meta diversi persuni inghataw il-kumpens *ex gratia.*

"Illi ghalhekk din Il-Qorti tosserva li mill-provi prodotti hija tal-fehma li fil-kaz tar-rikorrenti, t-trattament divers bejnhom u kazi simili ghal taghhom, gie ppruvat. Dan it-trattament differenti mhuwiex gustifikat u b'hekk l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti qed jigu milqugha.

“Illi dwar l-kumpens, il-Qorti tinnota, kif gja intqal, li waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza gie offrut kumpens lir-rikorrenti, izda r-rikorrenti rrifjutaw dan il-kumpens. Dan il-kumpens ma jirriflettix l-ammonti li inghataw f’sitwazzjonijiet li jistghu jigu kkonsidrati bhala ta’ tali gravita’ bhal dak tal-kaz odjern simili (vide fol. 97 *et seq.* tal-process). In partikolari l-Qorti taghmel referenza ghall-kaz tal-kumpens li nghata lill-eredi ta' Nardu Debono fejn dawn inghataw kumpens ta' Lm150,000 jew €349,406 u l-Qorti hija tal-fehma li tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-kumpens *ex gratia* li ghandu jinghata f’dan il-kaz ghandu jkun ta’ €419,287 (ekwivalenti ghall-Lm180,000), liema hlas ghandu jsir mill-intimat lir-rikorrenti, u dan meta l-Qorti tikkonsidra l-eta’ tal-mejta Karin Grech fiz-zmien tal-mewt taghha, u tenut kont ukoll li dan il-kaz ilu li sehh mit-28 ta’ Dicembru 1977.

Rat ir-rikors tal-appell tal-intimat li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tat-30 ta’ Novembru 2010 u minflok joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tar-rikorrent li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom prmessi, stqarru illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita pjena konferma;

Rat il-verbal registrat quddiem din il-Qorti fl-udjenza tat-28 ta’ Frar, 2011, fejn gie registrat li fil-mori tal-appell, l-intimat hallas lir-rikorrenti l-kumpens li ordnat u iffissat l-ewwel Qorti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi qabel ma tigi diskussa l-kwistjoni mqanqla quddiem din il-Qorti (u cioe`, jekk il-qtil ta’ bint il-konjugi Grech kienx rizultat ta’ azzjoni politika-medika kif sabet l-ewwel Qorti),

irid jigi diskuss jekk il-Gvern, rapprezentat f'dawn il-proceduri mill-intimat, ghadx ghandu interess guridiku li jkompli jinsisti fuq is-smiegh ta' dan l-appell, u dan wara li hu ammess li, wara s-sentenza tal-ewwel Qorti, l-intimat hallas il-kumpens kif likwidat mill-istess l-ewwel Qorti.

Fil-kwistjoni tal-interess guridiku giet imqanqla mill-Qorti fl-udjenza tat-28 ta' Frar, 2011, biex taghti opportunita` lill-partijiet jittrattaw il-materja. Kwistjonijiet marbuta mal-interess ta' parti li tkompli bis-smigh ta' kawza jistghu dejjem jigu sollevati ex officio. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Chircop v. Chircop**, deciz fit-28 ta' Jannar, 2004, ghamlet din l-osservazzjoni in *subjecta materia*:
"*Il-Qorti dehrilha bir-ragun li kellha tissolleva marte proprio il-karenza ta' l-interess fl-attur billi thoss li din hi kwestjoni ta' ordni pubbliku li l-gudikant hu obbligat li jirrileva ex officio. Dan in omagg ghall-principju, superjuri anke ghall-interess privat tal-partijiet, illi l-gustizzja mhux semplicement tigi amministrata izda anke li din tkun qed tigi amministrata sew u skond il-ligi. Il-principju ta' l-interess guridiku, dirett, legittimu u attwali f' kull min jipproponi azzjoni jrid jigi allura skrupolozament imhares bis-solennita` procedurali kollha, anke jekk mhux sollevat mill-parti kuntrarja fil-gudizzju.*"
(ara wkoll **Gatt v. Debono et**, deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru, 1983)

Hu principju wkoll li l-interess f'attur irid jintwera li jibqa' jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn il-konsegwenza immedjata tkun li l-konvenut jinheles milli jibqa' fil-kawza (ara **Sammut v. Attard**, deciza minn din il-Qorti fis-17 ta' Frar, 1993).

F'dan il-kaz, il-kwistjoni nqalghet peress illi ghalkemm il-Gvern qed jikkontesta d-dikjarazzjoni li l-qtil in kwistjoni kellu motivazzjonijiet medici-politici, huwa fil-fatt <u>hallas</u> il-kumpens marbut ma' tali dikjarazzjoni, u hallsu skont il-kriterji li stabbiliet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. L-argument li hu hallas ex gratia ma jregix, ghax il-Gvern ma jhallasx kumpens wara kull qtil izda biss, skont skema allura vigenti, wara qtil konsegwenza ta' "breakdown of

law and order". La darba l-Gvern hallas kumpens f'dan il-kaz, li jmur lura ghas-sena 1977, il-konsegwenza trid tkun li dan ghamlu ghax hass li wara l-qtil kien hemm aspetti politici jew ghas-sehh in konnessjoni mal-impieg tar-rikorrent mal-Gvern.

F'kull kaz, it-talba u l-kundanna tal-hlas kienet konsegwenza diretta ta' sejba mill-ewwel Qorti li l-qtil ta' Karen Grech sehh bhala konsegwenza tas-servizzi rezi mill-Professur Grech lill-Gvern ta' Malta, u t-tnejn huma marbuta intrinsikament fis-sens li wahda tiddependi fuq l-ezitu tal-ohra. Darba li l-Gvern accetta li jhallas kumpens <u>a bazi tas-sentenza</u>, dan ifisser li impicitament accetta d-dikjarazzjoni li waslet ghall-ordni tal-hlas. <u>Ma jistax il-Gvern, f'dan l-istadju, jikkonstesta d-dikjarazzjoni li nghatat, meta accetta li jhallas il-kumpens li gie likwidat a bazi ta' dik id-dikjarazzjoni</u>.

Fil-kaz **Guiffrida noe v. Borg Olivier et**, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Marzu, 1967, intqal hekk dwar il-htiega li dikjarazzjoni tkun marbuta ma' rimedju effettiv:
"*L-ewwelnett, in generali, kif din il-Qorti rriteniet fil-kawza "Darmenia noe v. Borg Olivier" App. Civ. 18 ta' Frar, 1966, "fis-sistema aktarx segwit mill-Qrati taghna, ghad li ma humiex projbiti domandi diretti ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni li tista' tkun pre-ordinata ghal domanda ohra definittiva jew finali, avolja din ma tkunx dedotta, jinhtieg illi l-Qorti tkun perswaza illi dak ir-rimedju l-iehor jista' jinghata; jekk ir-rimedju konsegwenzjali m'huwiex ottenibbli mill-Qorti, id-dikjarazzjoni ma tinghatax". Sentenzi merament dikjaratorji, meta r-rimedju li ghalih jistghu jkunu preordinati mhux biss mhux mitlub izda lanqas jista' jintalab mill-Qorti, ghalkemm ammessi f'sistemi ta' ligijiet ohra u ghalkemm jistghu jkunu deziderabbli in linea ta' zvilupp ghall-futur, ghad ma gewx ammessi fil-gurisprudenza taghna.*"

Ghat-talba tal-appellant ma hemmx rimedju x'jinghata differenti minn dik li stabbiliet l-ewwel Qorti peress li dak ir-rimedju gie attwat fl-intier tieghu. Ma jaghmilx sens li l-konvenut jitlob ir-revoka tal-ordni tal-hlas, (kif qed jipprova jaghmel) meta, l-istess konvenut issokkomba ghall-istess

ordni tal-hlas. Dikjarazzjoni, meta tintalab mill-Qorti, trid tkun marbuta ma' jew preordinata ghal rimedju li jista' jinghata, u ma tista' tinghata ghall-ebda skop iehor. F'dan il-kaz, m'hemmx rimedju li din il-Qorti tista' taghti, u dan fid-dawl tad-decizjoni tal-intimat li jhallas is-somma li ordnat il-Qorti; u ghalhekk, ma tistax tindaga aktar fuq id-dikjarazzjoni mitluba mill-appellant. Hekk ukoll fil-kawza **Xuereb v. Petrococchino**, deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Dicembru, 1944, gie dikjarat:
"*Il-Qorti trid tkun perswaza illi hemm dak l-interess, anke preordinat ghal kawza ohra, u li dik id-dikjarazzjoni hekk mitluba tkun qeghdha tifforma l-bazi ta' kawza ohra li tista' ssir fil-futur.*"

F'dan il-kaz, ma hemmx kawza ohra li tista' ssir ghax il-Gvern gia` hallas dak li gie kkundannat ihallas mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell interpost mill-konvenut, u tillibera lir-rikorrenti appellati mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez in prim istanza jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------